**EOI 26-201: Sejħa għal Espressjoni ta' Interess għal Persuni mill-Qasam tal-Arti Performattiva biex Jaqraw fuq it-Televiżjoni fuq Bażi ta' Kuntratt għal Servizz**

**Ħarsa Ġenerali:**

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu se tkun qed tikkollabora mal-Public Broadcasting Services (PBS) fil-produzzjoni ta' sensiela ta' episodji ta' qari ta' stejjer ta' 10 minuti li se jixxandru fuq it-televiżjoni.

L-Aġenzija qed tfittex li tqabbad persuni mill-qasam tal-arti performattiva fuq bażi ta' kuntratt għal servizz biex jipprovdu dawn is-sessjonijiet ta' qari ffilmjati mill-PBS. Il-kandidat(i) magħżul(a) se jipprovdu sa tnax-il sessjoni ta' qari ta' 10 minuti kull wieħed/waħda bejn Settembru u Diċembru 2026. L-iffilmjar ta' dawn is-sessjonijiet se jsir f'massimu ta' żewġ recordings.

Il-ħlas totali għas-servizz huwa ta' €300, eskluża l-VAT, għall-għoti ta' massimu ta' tnax-il sessjoni ta' qari ta' 10 minuti. Il-fornituri tas-servizz ikunu mistennija jippreżentaw irċevuta fiskali.

Il-fornituri tas-servizz magħżula jkunu responsabbli lejn il-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu u/jew id-delegat/a tiegħu/tagħha. Impjegati full-time tal-Aġenzija mhumiex eliġibbli biex japplikaw.

L-applikanti eliġibbli jkunu meħtieġa jattendu għal audition. Isir taħriġ ta' sagħtejn għall-kandidati magħżula.

**Dmirijiet u Responsabbiltajiet**

1. Iħejju u jipprovdu sessjonijiet ta' qari animat li jiġu rrekordjati u mxandra fuq it-televiżjoni, immirati għal tfal minn 4 sa 11-il sena, il-ġenituri/min jieħu ħsiebhom u l-edukaturi.
2. Jipprovdu mudell pożittiv għall-ġenituri/min jieħu ħsieb it-tfal u jħeġġuhom jaqraw lil uliedhom id-dar.
3. Iżommu l-ogħla standards ta' prattika professjonali u mġiba xierqa.
4. Jikkollaboraw mal-partijiet interessati kollha sabiex jiżguraw il-provvediment ta' servizzi ta' kwalità għolja u f'waqthom.

**Għanijiet**

1. Isostnu l-iżvilupp tal-litteriżmu u jippromwovu inizjattivi tal-litteriżmu fil-familja.
2. Jippromwovu l-imħabba għall-kotba u l-qari permezz ta' sessjonijiet ta' qari rrekordjati għat-televiżjoni ta' kwalità għolja.
3. Jiżguraw immersjoni sħiħa fil-lingwa Maltija matul kull sessjoni ta' qari.

**Kriterji ta' Eliġibbiltà**

1. Malti mitkellem tajjeb u ħiliet ta' komunikazzjoni xierqa għall-iffilmjar u x-xandir fuq it-televiżjoni.
2. Kwalifika formali u/jew esperjenza estensiva fl-arti performattiva, id-drama, it-teatru jew produzzjonijiet televiżivi.

**Kif Tapplika**

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-espressjoni ta' interess tagħhom, flimkien ma' sommarju tal-kwalifiki u l-esperjenza f'format ta' Curriculum Vitae Europass, kif ukoll ċertifikat tal-kondotta tal-pulizija validu, permezz ta' email fuq nlarecruitment@ilearn.edu.mt mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 21 ta' Awwissu 2026, f'nofsinhar.

Għal kwalunkwe mistoqsija, jekk jogħġobkom ibagħtu email lil nlarecruitment@ilearn.edu.mt jew ċemplu fuq 25983325.

**EOI 26-201: Call for Expressions of Interest for Performing Artists to Deliver Reading Sessions on TV on a Contract for Service Basis**

**Overview**

The National Literacy Agency will be collaborating with Public Broadcasting Services (PBS) in the production of a series of 10-minute story-reading episodes for broadcast on television.

The Agency is seeking to engage performing artists on a contract for service basis for the delivery of these recorded reading sessions. The selected candidate(s) will each provide up to twelve 10-minute reading sessions between September and December 2026. The recording of these sessions will take place over a maximum of two recording sessions.

The total payment for the service is €300, excluding VAT, for the delivery of up to twelve 10-minute reading sessions. Service providers will be expected to provide a fiscal receipt.

The selected service providers will be accountable to the CEO of the National Literacy Agency and/or his/her delegate. Full-time employees of the Agency are not eligible to apply.

Eligible applicants will be required to attend an audition. A two-hour training session will be held for the selected candidates.

**Duties and Responsibilities**

1. Prepare and deliver engaging reading sessions to be recorded and broadcast on TV, targeting children between 4 and 11 years old, parents/caregivers, and educators.
2. Through the TV recordings, provide a positive model for parents/caregivers and empower them to conduct reading sessions with their children at home.
3. Maintain the highest standards of professional practice and behaviour.
4. Foster collaborative working relationships with all relevant stakeholders to ensure the delivery of high-quality and timely services.

**Objectives**

1. Support literacy development and promote family literacy initiatives.
2. Promote a love of books and reading through high-quality recorded TV reading sessions.
3. Ensure full language immersion in Maltese during every reading session.

**Eligibility criteria**

1. Excellent fluency and communication skills in Maltese at a level suitable for television recording and broadcasting.
2. A formal qualification and/or extensive experience in performing arts, drama, theatre, or television productions.

**How to apply**

Candidates should submit their expression of interest, together with a summary of qualifications and experience in a Europass Curriculum Vitae format and a valid police conduct certificate by email to nlarecruitment@ilearn.edu.mt by not later than **Friday 21st August 2026, at noon**.

For any queries, please send an email to nlarecruitment@ilearn.edu.mt or call 25983325.